**Ġimgħa Mużewmina**

Nirringrazzjaw lil Alla għall-ġimgħa ta' tagħlim u talb li għexna flimkien mal-qasam tal-Museum tas-Subien, illi din is-sena għalaq 77 sena fostna. It-Tnejn raddejna ħajr lil Alla permezz tal-Quddiesa fil-grawnd tal-Museum flimkien ma' numru sabiħ ta' parruċċani. Kien mument tant għażiż animat mill-kor tat-tfal tagħna fejn providenzjalment il-Kelma t'Alla dawlitna u qawwiet 'il qalbna fuq kif il-Mulej jista' jaħdem f'ħajjitna: bħalma kattar il-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet u tema' lill-folla tan-nies wara li radd ħajr lil Alla, bierek u qassam dak il-ftit li kellu f'idejh, hekk ukoll kapaċi jkattar dak il-ftit tajjeb li għandna u jgħinna naffrontaw l-isfidi l-kbar li nistgħu niltaqgħu magħhom kuljum. Imma dan jiġri biss jekk aħna jirnexxilna nagħmlu bħalu u nkunu kapaċi nroddu ħajr lil Alla ta' dak li għandna, anki jekk jidhrilna li hu ftit, inberkuh u naqsmuh mal-oħrajn. Żgur li din kienet ukoll l-esperjenza ta' Dun Ġorġ Preca, tal-Museum fin-Nadur, u ta' kull min jittama fil-Mulej u jkun lest jaqsam mal-oħrajn dak li Alla fit-tjubija tiegħu pprovdielu.

**L-esperjenza fil-Vatikan**

F'dawn il-jiem jien qed nakkumpanja grupp ta' abbatini minn Għawdex fosthom iż-żewġ abbatini tagħna Clyde u Saviour, għal din l-esperjenza sabiħa ta' servizz liturġiku fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan. Is-Sibt filgħodu l-Kardinal Għawdxi Mario Grech mexxa ċ-ċerimonja tal-vestizzjoni flimkien mal-familji tagħhom li ġew apposta minn Għawdex u llum il-Ħadd wara t-Talba tal-Angelus fi pjazza San Pietru sejrin niltaqgħu ma' Papa Franġisku ġewwa r-residenza tiegħu Santa Martha.



*Ritratt meħud mis-Seminarju Minuri Ruman fejn qed joqogħdu f'dawn il-jiem*

F'dawn il-jiem li qed ngħixu f'din il-Belt imsoqqija mid-demm tal-martri u mdawla mix-xhieda tal-kbar appostli Pietru u Pawlu, hawn fil-Vatikan tant qrib il-qabar ta' San Pietru nistqarr magħkom li sikwit qiegħed niftakar fikom il-parruċċani tan-Nadur. Kunu afu li qiegħed inżomm f'talbi lil dawk li bħalissa qed jikkumbattu mal-mard u problemi ta' saħħa; u magħhom naħseb f'dawk il-familjari u l-ħbieb li fil-mument tad-diffikultà ngħaqdu u baqgħu fil-qrib u qed iduru bihom u jieħdu ħsiebhom b'tant għożża u ħniena; qed niftakar ukoll fil-familji bit-tfal li għaddejjin jitħabtu jippruvaw isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-vaganzi; qed niftakar f'dawk li f'dan iż-żmien tal-festi qed ibatu mis-solitudni u d-dwejjaq u dawk li f'daż-żmien tas-sajf isibuha diffiċli biex jgħixu fil-kalma u fil-kwiet il-ġranet tagħhom. Jalla l-Mulej bl-interċessjoni ta' Pietru u Pawlu, u bil-barka tal-mexxej tal-Knisja l-Papa Franġisku jagħtina l-grazzja li jirnexxilna nisimgħu Kelmtu fil-Knisja u nħalluha ddawwalna u tmexxina pass pass f'dawn il-jiem li għandna quddiemna.

**Velja Djoċesana ta' Santa Marija**

Bi tħejjija għall-festa ta' Marija Assunta, nhar l-Erbgħa 14 t'Awwissu mit-8.00pm sal-10.00pm fuq iz-Zuntier tas-Santwarju Ta' Pinu ser tinżamm velja ta' talb bil-Quddiesa mmexxija mill-Kardinal Mario Grech. Wara jitkompla lejl ta' adorazzjoni fis-Santwarju.

**Ftuħ taċ-Ċimiterji**

Iċ-ċimiterji tal-parroċċa tagħna se jkunu miftuħin ukoll nhar il-Ħamis 15 t'Awwissu mis-7.00am sas-6.00pm.

*Dun Krystof*

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 7.45am; 9.00am; 11.00am
**il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am